MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 205/2014

**M.B. Distribution Limited (C33398)**

**Vs**

**Port Cottonera Hotel Developments Co. Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremmettiet illi:-

Is-Socjeta' attrici bieghet lis-Socjeta' konvenuta numru ta' prodotti ghall-ammont totali ta' tlett mija u ghoxrin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€320.25c).

Illi ghalkemm is-Socjeta' attrici baghtet numru ta' invoices, s-Socjeta' konvenuta qatt ma hallset u ghalhekk hija debitrici tas-Socjeta' attrici.

Ghaldaqstant is-Socjeta' attrici qeghda titlob umilment lil dan it-Tribunal sabiex tikkundanna lis-Socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta' tlett mija u ghoxrin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€320.25c) eskluz l-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.

Inkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficjali ezekuttiva numru 2407/2013 datata 7 t'Ottubru, 2013.

Ra mill-atti illi s-Socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-18 ta' Novembru, 2014 mill-Avukata Dr Anna Mifsud Bonnici u l-fatt li s-Socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li s-Socjeta' konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici fl-ammont ta' tlett mija u ghoxrin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€320.25c), u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitluba f 0

l-Avviz tat-Talba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------